Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 147/2012

Il-Pulizija
(Sp Sylvana Zrizo Azzopardi)
vs
Christopher Karl Grech, iben Carmel, imwieled Pieta' fl-24 ta' Ottubru, 1972, karta ta' l-identita numru 477272(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fis-27 ta' Mejju, 2011 għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa Red Farm, Triq il-Wied, l-Iklin:
1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' pots tal-fuħħar bil-konkos fuqhom għad-dannu ta' martu Romina Grech, liema ammont ta' ħsara mhux aktar minn €1,164.69 iżda iżjed minn €116.47;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor,

mobbli jew immobbli, u ciioe’ vettura tal-marka BMW ta’ kulur iswed, bin-numru tar-reġistrazzjoni ZEE 108, għad-dannu ta’ martu Romina Grech liema ħsara mhiex aktar minn €1,164.69 iżda iżjed minn €116.47;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża lil martu Romina Grech u lil ibnu Isaac Grech ta’ tmien snin li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta ta’ l-imsemmija Romina Grech u tat-tifel Isaac Grech u minn issa tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ April, 2012 fejn il-parte civile, mart l-imputat, għażlet li ma toffriex ix-xhieda tagħha.

Rat li l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi oħra xi tressaq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------